**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 433/2019**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Robert Vella)**

**vs**

**-omissis-**

**Illum, 29 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi[1] prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-18 ta' Lulju 2019 kontra:

> **-omissis-**
>
> Billi inti akkuzat talli nhar l-04 ta' Awwissu, 2017, ghall-habta tal-4:45 ta' filghaxija, gewwa l-lokalita' ta' Had-Dingli:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti

[1] A folio 1 tal-process

tat-traffiku, waqt li kont qieghed issuq jew kellek taht il-kontroll tieghek vettura tal-ghamla **-omissis-**, bin-numru ta' registrazzjoni **-omissis-**, involontarjament ikkagunajt l-mewt ta' martek **-omissis-**;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, soqt l-imsemmija vettura tal-ghamla **-omissis-** bin-numru tar-registrazzjoni **-omissis-** b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' mill-ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tal-imputat **-omissis-** ghal dak il-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-Prosekuzzjoni[2].

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2019.[3]

Hadet nota tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar it-tletin (30) jum tax-xahar ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020) fejn fiha elenka l-artikoli

2 A folio 3 tal-process
3 A folio 10 tal-process

17, 31, 225(1), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u/jew 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-bazi tal-akkuza.[4]

Hadet nota ukoll tal-istqarrija tal-imputat fejn ma oggezzjonax u ta l-kunsens tieghu biex jigi ggudikat minn din il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Frar 2020[5].

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrelata dwar incident tat-traffiku jew ahjar stradali fejn l-imputat **-omissis-** waqt li kien qed jirriversja l-vettura tieghu tal-ghamla **-omissis-** nhar l-4 ta' Awwissu 2017 ghall-habta tal-4.45 pm f'Had-Dingli laqghat lil martu **-omissis-**. Sfortunatament il-manuvra li ghamel l-imputat sfat il-hajja ta' martu li kienet fil-vicinanzi u li kienet hija stess qed tara l-manuvra. Konsegwentement l-imputat qed jigi mixli li b'nuqqas ta' hila, traskuragni jew b'nuqqas tar-regolamenti kkawza din il-vertenza tragika.

[4] A folio 165 tal-process
[5] A folio 166 tal-process

**Il-Provi**

**Xehed l-Ispettur Robert Vella** waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019 fejn spjega kif il-Pulizija rceviet informazzjoni dwar l-incident li kien sehh quddiem ir-residenza tal-koppja **-omissis-**.[6] Milli jidher il-vettura misjuqa mill-imputat tal-ghamla **-omissis-**b'numru ta' registrazzjoni **-omissis-** kienet taht sigra u l-istess imputat kien talab lill-martu biex taralu waqt li huwa kien qed jirriversja. Meta ghamel dan sema' hoss, nizel u sab li kien tajjar lill-martu **-omissis-**. Fil-fatt din ittiehdet l-isptar u wara xi hin mietet hemm kawza tal-griehi li soffriet. Giet infurmata l-Magistrat Dottoressa Doreen Clarke li kienet tal-ghassa u nhatru diversi esperti biex jghinuha fl-istharrig. Jider li bid-daqqa hija sofriet 'multiple injuries' li eventwalment swewla hajjitha.

Kontro-ezaminat l-Ispettur stqarr li l-vittma ma kienx jaf fejn kienet, ossija fuq liema naha tal-vettura imma zgur li kienet fuq wara. Jghid ukoll li ma jafx xi 'speed' kien qed jirriversja bih l-imputat pero' ma jimmaginax li l-ispeed kien 'gas down'.

**Xehed PS 163 Robert Azzopardi** waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019 li hejja r-rapport 7/Q/1588/2017 u kkorrobora x-xhieda tal-Ispettur Robert Vella.[7] Mir-rapport aggornat tal-pulizija jidher li rrizulta li l-vittma mietet minhabba 'contuse lungs, multiple injuries u blunt trauma'[8].

**Xehdet Karen Cremona** waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 fejn qalet li l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri kienet tghajjat lill-imputat u li ilha rregistrata fuq mill-15 ta' Gunju 2016.[9]

---

[6] A folio 14 tal-process
[7] A folio 21 tal-process
[8] A folio 27 tal-process
[9] A folio 151 tal-process

**Xehed bil-lingwa Ingliza Dr. Thomas Armatis** waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 u spjega l-operazzjoni ta' CPR li huwa ppruva jaghmlilha waqt li kienet fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei li sfortunatament ma rnexxietx.[10]

**Xehed PC 1309 John Scerri** li qal waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2020 li r-rwol tieghu kien li jippriserva x-xena tal-incident.[11]

Rega' xehed in kontro ezami l-**Ispettur Robert Vella** fejn qal li jaf li kienu kkuntattjaw lill-'control room' fuq l-incident pero' ma setax jiftakar min kien. Hu ma jiftakarx sakemm wasal fuq il-post il-vann kienx ezattament ghadu fuq il-post pero' jiftakar li sakemm wasal hu, il-vittma kienet diga' ttiehdet l-isptar u ma jafx fejn ezattament kienet waqt l-incident.[12].

In kontro ezami rega' xehed **Dr. Thomas Armatis** li sahaq li hu lill-vittma ma rahiex fuq il-post izda l-isptar u kkonferma c-certifikat a folio 19 tal-process.[13]

Xehed il-perit **Richard Aquilina** waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu u qal li kemm il-vittma kif ukoll il-vann kienu ccaqalqu meta wasal hu fuq il-post.[14] Jghid li l-incident hadd ma rah u ma kienx hemm xhieda u ghamel ir-relazzjoni tieghu fuq il-*mark* li kienu ghamlu l-pulizija.

Rega' xehed l-**Ispettur Robert Vella** waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 fejn ftakar li kien mar fuq il-post u ma jiftakarx jekk il-vittma

---

[10] A folio 158 tal-process
[11] A folio 167 tal- process
[12] A folio 174 tal-process
[13] A folio 180 tal-process
[14] A folio 186 tal-process

lahaqhiex mal-art, jew inkella kienet qed tittiehed fuq l-ambulanza u jghid li meta wasal hu l-vettura li laqtitha kienet fuq il-post u fit-triq.[15] Jghid li l-vann ma kienx gralu hsara u li l-Pulizija ghamlu sinjal fejn kien il-vann halli t-traffiku seta' jghaddi. Jghid li t-triq hija pjuttost dejqa u li l-vann kien ipparkjat taht is-sigar. Jghid li l-imputat qallu li talab lil martu tohrog biex taralu li mhux gejjin vetturi minhabba li t-triq hija *two way*. Hu rriversja ghat-triq principali u skont ma jiftakar martu kienet fuq in-naha tal-lemin tal-vann; in-naha tax-xufier.[16]

Rega' xehed in kontro-ezami **PC 1309 John Xerri** fejn qal li l-vittma huwa qatt ma kien raha fuq il-post. Jighi ukoll li kien ha handover minn PC 163.[17]

Xehed il-Prokuratur Legali **Mario Buttigieg** waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2021 li jirrelata li l-incident sehh wara nofs in-nhar u l-imputat kien ghadu kif strah u hu u martu kienu sejrin l-ghalqa. Il-vettura ma kienitx ghaddejja b'velocita'. Hu kien ipparkjat taht is-sigar u ried johrog bir-rivers u kellu f'mohhu li jigbed lejn il-Palazz tal-President. Jghid li l-vann kien f'kundizzjoni tajba u li waqt l-incident ma garrab l-ebda hsara.

> **"Dr. Silvio Brincat:** Igifieri inti mill-provi li gbart xi kkonstatajt li gara dakinhar:
>
> **Dr. Mario Buttigieg:** Dan deher li kien incident sfortunat, ma rizultax li kien hemm xi traskuragni jew sewqan perikoluz. Dan kien 'a misjudgement case' li sfortunatament halla lil mara tieghu mejta.[18]"

---

[15] A folio 189 tal-process
[16] A folio 193 tal-process
[17] A folio 195 tal-process
[18] A folio 200 tal-process

**Meta pero' ppressat mid-difiza u nqralu a folio 112 jidher li l-PL Mario Buttigieg biddel fehmtu u qaleb ta' taht fuq l-opinjoni minnu moghtija fir-rapport tal-inkjesta u jghid is-segwenti**:

"**Dr. Silvio Brincat:** Igifieri inti l-opinjoni tieghek hija li huwa kaz sfortunat u mhux kaz ta' traskuragni.

**Dr. Mario Buttigieg:** Kif ghadna d-distanza qasira, *speed* ma kienx hemm, kien hemm xebgha tharbiet fejn kien ipparkjat, sfortunatament ma kkalkulax fejn kienet is-sinjura."[19]

**Xehed Dr. Mario Xerri** waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 fejn ikkonferma li l-vittma ntlaqtet mill-vettura pero' fl-ebda hin ma l-vettura telghet fuqha ghax hija ma kellhiex ksur.[20]

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi bazikament akkuzat taht l-artikolu 225 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli saq il-vettuta tieghu b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ransley) vs Christopher Camenzuli** (App. Nru. 330/2018) moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Giovanni M. Grixti fejn giet ikkwotata

---

[19] A folio 202 tal-process
[20] A folio 209 tal-process

b'appovazzjoni s-sentenza ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** datata 6 ta' Mejju 1997 intqal is-segwenti:

> ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jlahhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kpompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammontat wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita' tal-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d - dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan*

*perikoluz – ara (**The Police vs Charlotte Chamberlain**, App. Kriminali 21/5/1996).*[21]

Dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Grech** (App. Nru. 140/2002) deciz fis-6 ta' Gunju 2003 per il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano:

*Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita' talevent dannuz, huwa vera li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew kif isejhilha Francesco Antolisei '.... casi di colpa che deriva da inosservanza di usi sociali…'*[22] *il-kriterju jew kejl ta' prevedibbilta' huwa wiehed importanti, anzi essenzjali*[23]*:*

*………………………………………………………………………*

*Mill-banda l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qed issuq minghajr ma zzomm 'a proper lookout' (ghax aljenata, disratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x' inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezwmpju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-genb biex jaqsam. Li wiehed izomm ‚a proper lookout' waqt li qed isuq, u cio' li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont <u>ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma</u>*

---

[21] Pg. 13-14
Ara ukoll fuq it-tema ta' sewqan traskurat, bla kont u perikoluz is-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali – **Il-Pulizija vs Dailin Benetti (App. Nru. 370/18)**, **Il-Pulizija vs Jonathan Hili (App. Nru. 290/20)**, u **Il-Pulizija Johan Carter (App. Nru. 60/06)** kollha per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, **Il-Pulizija vs Jean Pierre Sammut (App. Nru. 165/09)** per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Gunner Brian Wilson** per Onr. Imhallef William Harding u **Il-Pulizija vs Anthony Taliana (App. Nru. 358/18)** per Onr. Imhallef Edwina Grima.

[22] Manuale di Diritto Penale- Parte Generale – Giuffre' (Milano), 1989, p. 325

[23] Pagna 4

> *ta' kondotta socjali intiza propju biex tevita l-hsara, u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm 'a proper lookout' kif hawn fuq spjegat, u u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna triq twieged ghall-hsara involontarja hekk kagunata*[24]*. (sottolinejar ta' din il-Qorti)*
>
> *…………………………………………………………………………*
>
> *Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' 'proper lookout' iwassal ghal responsabilita' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghgal dak in-nuqqas ta' proper lookout dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kienitx issehh f' dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz ma setghetx tigi evitata, allura, jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' 'proper lookout' (l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz), ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' 'proper lookout' kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti tal-hsara kagunata.*[25]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tghid li tinsab **perplessa u mhassba** dwar ir-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg li testwalment kiteb is-segwenti fir-rapport redatt minnu lill-Magistrat Inkwirenti ta' dak iz-zmien l-allura Magistrat Dottoressa Doreen Clarke fejn testwalment kiteb u rrikomanda s-segwenti:

> *'Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi dan l-incident kien wiehed sfortunat fejn* ***-omissis-*** *tajjar lil martu. Illi l-incident*

[24] Pagna 5
[25] Pagna 6

*sehh fuq mara anzjana minn zewgha li wkoll huwa anzjan. Illi* ***-omissis-*** *xehed fid-deposizzjoni tieghu illi huwa ma rax lil martu mill-mirjiet tal-gnub. Illi jista' jkun ukoll illi ghalkemm il-vittma kienet konsapevoli illi l-vann ta' zewgha kien gej b'lura ghax kienet qed taralu, bl-eta' avvanzata tal-vittma setghet ma kellhiex r-riflessi hfief bizzejjed sabiex tersaq minn nofs meta l-vann beda gej b'lura. Illi jrid jinghad ukoll illi ghalkemm dan huwa incident sfortunat, is-sewwieq kellu jadopera l-kawtela necessarja specjalment la kien jaf illi martu kienet xi mkien wara l-vann. Illi l-unika mezz illi jiccekkja wara kienu l-mirjiet tal-gnub….*

*Illi jrid jinghad ukoll illi dak in-nhar it-traffiku passagguz fit-tali triq ma kienx normali u dan peress illi kien hemm aktar traffiku mis-soltu ghaddej billi kien hemm triq ohra maghluqa ghat-traffiku fil-vicinanzi. Illi ghaldaqstant* ***-omissis-*** *kellu jadopera aktar kawtela li kien qed iregga' b'lura u kellu jaghmel mezz illi jiccekkja fejn kienet martu li suppost kienet qed taghmillu s-sinjali jekk kienx sikur li jirriversja.*

*Illi minhabba dawn il-fatti suesposti,* ***-omissis-*** *ikkaguna l-mewt ta' martu* ***-omissis-*** *u f'kazijiet ordinarji dawn jaghtu x'jifhem <u>illi s-sewwieq saq il-vettura b'manjiera perikoluza u traskurata</u> li bihom tilfet hajjitha l-vittma* ***-omissis-****.' (sottolinejar tal-Qorti)*

Pero' meta xehed quddiem din il-Qorti kif diga' gie sottolinejat aktar 'l fuq qal kompletament l-oppost ossija li ma kienx hemm traskuragni min-naha tal-imputat u kien kaz sfortunat.

Bir-rispett kollu, il-Qorti tistenna ahjar mill-esperti mqabbda minnha biex jiggwidawha f'materji li ma jkunux ta' kompentenza teknika ghaliha. Dak mistqarr mis-Sur Mario Buttigieg hu inkonsistenti u d-dikjarazzjonijiet tieghu huma dijametrikament opposti. Aktar joholqu konfuzjoni milli jghinu biex jistabilixxu l-fatti u d-dinamika tal-incident.

**Ghaldaqstant, thoss li dak miktub u aktar tard mistqarr mill-espert Mario Buttigieg la huwa 'safe'** ***u*** **'lanqas satisfactory' u qed jigi skartat kompletament.**[26]

**Ikkunsidrat:**

Illi milli jirrizulta mill-atti lanqas biss il-Pulizija ma rnexxielha tistabbilixxi fejn ezattament intlaqtet il-vittma. Gie ppruvat biss lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li kienet wara tal-vettura tal-imputat zewgha. Pero' ma giex stabbilit minn min mar fuq il-post biex jinvestiga l-kaz jekk il-mara kienitx fuq il-lemin jew ix-xellug tas-sewwieq kif ukoll jekk intlaqtitx meta hija kienet daharha lejn il-vann jew inkellha wicca lejn il-vann jew sahansitra giet imgenba.

Ir-risposti tal-investigatur principali, ossija l-allura Spettur, illum Supretendent Robert Vella huma wkoll inkonsistenti ghax daqqa jghid haga u xi drabi ohra jghid li ma jiftakarx. Lanqas gie ezattament stabbilit mill-Pulizija jew minn min mar fuq il-post jassisti lill-vittma fejn ezattament kienet meta ntlaqtet jew fejn tal-anqas sabuha meta waslu s-servizzi ta' l-ewwel ghajnuna[27].

---

[26] Wara kollox il-konkluzjoni tal-espert hija sindakabbli mill-Qorti. Ara f'dan is-sens **Caroline Spiteri vs John Spiteri** (Rik. Nru. 184/2000/2PC) per Onr. Imhallef Giannino Caruana Demajo, **Josephine Farrugia vs Anna Darmanin** (Cit. Nru. 948/2006) per Onr. Imhallef Anna Felice u **Emanuela sive Liliana Farrugia vs Michael Axisa et** (Rik. Nru. 202/2012) per Magistrat Dottor Victor Axiaq

[27] Ir-ritratti a folio 72 sa 75 jindikaw biss fejn kienet il-vettura qabel ma ccaqalqet u ma hemm imkien imhazzez fejn kienet il-vittma li ttajjret, u dan lanqas b'mod approssimattiv.

**Ikkunsidrat:**

L-abbli avukat difensur jishaq li kienet il-vittma li kkontribwiet b'mod shih ghall-incident u li dak li gara kien biss kaz sfortunat. Kif ser jinghad aktar 'l isfel, il-Qorti ma taqbilx, tal-anqas kompletament, ma din il-linja difensorjali ghalkemm hasbet fit-tul fuqha. Huwa minnu li jista' jkun li sfortunatament anki l-vittma kkontribwiet ghall-incident li swielha hajjitha. Hi kienet taf li zewgha kien ser jirriversja u li kien hu li kien baghatha biex taralu halli huwa jaghmel il-manuvra b'mod minn ghalih aktar sigur. Tal-anqas dak li jirrizulta mill-atti processwali. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-imputat ghandu jigi liberat mill-akkuzi kif ipprospettati mill-Prosekuzzjoni jew tal-anqas xi whud minnhom. Fil-ktieb '**A Practical Approach to Road Traffic Law**' ta' Richard J. McMahon (BlackStone Press Ltd.) (Ed. 1994)

> *The Court of Appeal, however, reviewed this area of law in Hennigan (1971) 3 All ER 133, and could find no reason why the words of the statue should not be given their ordinary meaning of simply requiring proof that the defendant's driving was a cause of death. It pointed out that the jury did not need to balance questions of fault on the part of the deceased but had to consider whether the driving was, more than minimally, a cause of death. As Lord Parker CJ said (at p. 135):*
>
> *The court would like to emphasis this, that there is of course nothing in (the statue) which requires the manner of the driving to be a substantial cause, or a major cause, or any other description of cause, of the accident. So long as the*

> *dangerous driving is a cause and something more than de minimis, the statute operates*[28].

Il-Qorti thoss li pero' ghandha tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fattur tal-possibillta' tal-kontributorjeta' tal-vittma ghas-sinistru ai fini ta' piena biss.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ma jirrizultax li l-vettura tal-imputat garrbet xi hsarat lanqas u lanqas il-vittma mietet minhabba li l-vann telgha fuqha u allura kissrilha per ezempju l-kaxxa ta' sidirha jew xi ghadam ohra. **Li jirrizulta *ex admissis* mill-imputat hu li huwa kien qal lill-vittma biex taralu fuq wara biex ikun jista' johrog fil-'main road' ghax kienet traffikuza u f'hin minnhom sema' hoss, hareg mill-vann u sab lill-martu mixhuta mal-art**[29]. B'hekk il-kawza prossima tal-mewt ta' martu kienet certament id-daqqa li kkawzalha huwa bil-vann. Dunque jinsab lil hinn minn kull dubju li kien jaf li kien hemm persuna wara l-vettura tieghu u kien ben konxju ukoll li minhabba t-'tail' tal-vann hu ma setax jara mill-mera tan-nofs. Jirrizulta wkoll li kien hemm xi xoghlijiet aktar 'l fuq mil-lok tal-incident u t-triq fejn kien hiereg bir-rivers kienet aktar traffikuza mis-soltu u kien proprju ghalhekk li baghat lil martu, il-vittma, biex taralu. Mir-ritratti ezebiti in atti jirrizulta ukoll li l-vann kellu mirja tajba u ma kien bl-ebda mod difettuz.

Il-fatt li l-imputat kellu eta' avvanzata meta gara s-sinistru wkoll irid jittiehed in konsiderazzjoni. Hu kellu obbligu li joqghod aktar attent

---

[28] Pagna 72

[29] Ma jirrizultax mill-atti li d-difiza attakkat l-istqarrija li ta l-imputat *a tempo vergine* wara l-akkadut lill-pulizija li kienu qed jinvestigaw kif kellha dritt li taghmel u allura dak iddikjarat minnu qed jigi kkunsiderat ammissibbli bhala prova. Milli jirrizulta mill-atti pero' dik il-verzjoni giet ikkonfermata quddiem is-Sur Mario Buttigieg a folio 119 u 120 tal-process fejn kien assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu Dr. Silvio Brincat.

minhabba l-eta’ tieghu kif ukoll minhabba li kien ser jaghmel mauvra li anki kieku ma kien hemm hadd wara l-vettura kienet fiha nnifisha perikoluza ghax kien ser jirriversja f’‘main road’ li kien jaf li kienet traffikuza aktar mis-soltu.

Il-Qorti ma tistax taqbel li l-imputat ma uzax ‘speed’ eccessiv meta ghamel il-manuvra ta’ rriversjar. Kieku kien hemm ghalkemm probabilment il-mara tieghu, il-vittma odjerna, probabbilment kienet tintlaqat, ma kienitx certament iggarrab il-griehi gravi u serji li fil-fatt garrbet, li wara kollox wara ftit sieghat wasslu li tilfet hajjitha. Allura u altru milli car f’mohh din il-Qorti li barra li l-imputat ma harisx fil-mirja, barra li ma kienx attent ghal dak li kien qed jigri madwaru mhux biss b’mod viziv izda ukoll f’dak li ghandu x’ jaqsam ma’ awdjo, ossija s-smiegh, hassu komdu jaghmel il-manuvra azzardata bi ‘speed’ li kien bilfors ta’ certa velocita’ ladarba l-konsegwenzi kienu daqshekk tragici. Dan kollu jista’ biss iwassal lil din il-Qorti li huwa ma kienx kawt f’ghemilu u bil-manuvra u ghaldaqstant kien sewqan bla kont, ossija hu mmanuvra l-vettura tieghu bi traskuragni kbira.

Ghaldaqstant il-Qorti ha ssibu hati tal-akkuzi taht l-artikolu 225(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll tal-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan talli *saq bla kont* u kkawza l-mewt ta’ -**omissis-**.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 225(1)[30], 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u/jew 15(3) tal-

[30] jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba’ snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87)

Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu HATI tal-artikolu 225(1) kif ukoll tal-artikoli 15(1)(a), 15(2)[31] tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-arttikolu 15(3) ladaraba sabitu hati tal-artikoli 15(1)(a) u 15(2) u in vista tal-fatti specji kollha tal-kaz inkluz l-eta' avvanzata tieghu tikkundannah multa ta' **elfejn Ewro** (€2000).

Tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqa ghall-perjodu ta' **tlett (3) xhur** minn nofs il-lejl tal-lum.

Finalment ai termini tal-artikolu 523A, 532B 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordnalu li jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf mija u tlieta u tmenin Ewro u sebghin centezmu (**€1,183.70**c) li dawn ma jinkludux l-ispejjez tal-prokuratur legali Mario Buttigieg u dan in vista tar-ragunijiet aktar 'l fuq esposti.[32]

Il-Qorti spjegat il-konsegwenzi jekk l-imputat ma jottemperax ruhu ma' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

[31] ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn Ewro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena……(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti,b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur …

[32] A folio 60 Perit Richard Aquilina €267.05, a folio 71 FSL €207.40, a folio 146 Dr. Mario Scerri €363, a folio 65 Dr. S Ali u t-team tieghu €256.23, €42.50, €23.76, €23.76. Ara dwar in-nuqqas ta' hlas tal-esperti li l-perizja taghhom tigi skartata – **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** (App. Nru. 324/2022) per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.